# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2001

**Numru**

**Citaz. numru: 415/98 NA**

**Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjeta' estera Assikuratrici General Accident & Fire & Life Assurance Corporation Plc., kif surrogata bil-ligi u bil-Polza fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Joseph Conti u b'nota tat-28 ta' Ottubru 1999 is-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc. gia' General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc., kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Conti, assumiet l-atti tal-kawza bhala attur minflok is-socjeta' Gasan Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc., kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Conti.**

**vs**

**Christian David Thompson**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fit-2 ta' Marzu 1998 fejn ippremetta:

"Illi fl-10 ta' Dicembru 1997 fil-limiti tal-Qawra waqt li l-konvenut, Christian David Thompson kien qed isuq il-vettura numru KAO 837 habat mal-vettura nurmu IBB 875, proprjeta' ta' l-assikurat ta' l-attur, Joseph Conti u misjuqa minn martu Marlene;

Illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut, u dana minhabba negligenza w inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jidher car mir-Rapport tal-Pulizija (Dokument "JC");

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura ta' l-assikurat ta' l-attur garbet hsarat konsiderevoli, tant illi giet dikjarat *beyond economic repair* u l-valur taghha bhala *wreck* gie stabbilit fl-

ammont ta' Lm1500 u dana kif jidher mis-Survey Report hawn anness u mmarkata bhala Dokument "JC2";

Illi meta gara l-incident in kwistjoni l-vettura Numru IBB 875 kienet assikurata *comprehensive* b'valur ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) u billi saret *claim* minn Joseph Conti, l-assikurazzjoni hallset lill-assikurat taghha s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3500), oltre dan l-ammont l-assikurazzjoni hallset ukoll ghas-*survey report*, ghal konsult legali u ghar-Rapport tal-Pulizija - b'kollox l-assigurazzjoni hallset is-somma ta' tlett elef u ghoxrin lira Maltin (*sic*) (Lm3520);

Illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur nomine b'rizultat ta' l-incident imsemmi baqa' inadempjenti kellha ssir din il-kawza;

TALAB li, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, din il-Qorti:

1. tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fil-limiti tal-Qawra fl-10 ta' Dicembru 1997 u ghad-danni li sofriet is-socjeta' attrici;

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici b'rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm3520) jew somma ohra verjuri u jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali tat-30 ta' Dicembru 1997 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni, u ghall-ispejjes ta' Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnu esebiti.

Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 1999 fil-kontumaci tal-konvenut il-kawza giet differita ghas-sentenza.

B'rikors tat-3 ta' Novembru 1999 pero' il-konvenut talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u li jigi notifikat mill-

gdid bil-lingwa Ingliza peress li ma kienx jaf jaqra u jikteb bil-Malti.

B'digriet tas-7 ta' Dicembru 1999 il-Qorti laqghet it-talba.

Il-konvenut eventwalment gie nnotifikat bl-att tac-citazzjoni bil-lingwa Ingliza permezz tal-proceduri ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (a fol. 33, 35 u 37 tal-process).  Huwa pero' ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi u meta fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2001 imsejjah ma deherx il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi apparti mill-kontumaci tal-konvenut il-Qorti hija tal-fehma li dak allegat mill-attur nomine huwa ppruvat mhux biss bid-dikjarazzjoni guramentata tieghu izda wkoll u partikolarment mid-dokumenti esebiti fir-rigward tad-danni mis-*survey report* (a fol. 5) u fir-rigward tar-responsabbilita' ghall-incident in kwistjoni mill-iskizz a fol. 8 tal-process.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni li gara fil-limiti tal-Qawra fl-10 ta' Dicembru 1997 u ghad-danni li sofriet is-socjeta' attrici;

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici b'rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' tlett elef hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm3520);

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici din is-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni u bl-ispejjes ta' din il-kawza kif mitluba.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.